**PRIM’AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 27 ta’ Ottubru, 2016**

**Mandat Nru: 1402/2016/1 AF**

**Alfred Camilleri u Consolata Camilleri**

**vs**

**Francis Borg iben il-mejjet Angelo u l-mejta Moira neé Delicata imwieled u residenti Birkirkara**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Alfred Camilleri u Consolata Camilleri, li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti li tordna hrug ta’ mandat ta’ inibizzjoni kontra l-intimat Francis Borg sabiex jinzamm milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi *inter vivos* sew b’titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjetà u b’mod partikolari kwalsia sehem illi ghandu mill-art li tinsab fl-kontrada maghrufa bhala “Il-Wied ta’ Ghajn Zejtuna” fil-limiti tal-Mellieha, li ghandha kejl ta’ cirka elf, erba mija u tletin metru kwadru (1430m.k.) li tmiss mat-Tramuntana ma’ proprjetà ta’ Alfred Camilleri, mill-Grigal ma’ triq mignhajr isem minn fejn din il-plot hi accessibbli, liema art inxtrat mill-intimati permezz ta’ kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Angelo Vella fil-wiehed u tletin (31) ta’ Jannar tas-sena elf disa’ mija u disgha u tmenin (1989) u kif ahjar deskritta f’dak l-att u l-pjanta annessa mal-

istess kuntratt fejn  din l-art giet immarkata bin-numru disgha u tmenin (89).

Rat id-digriet precedenti.

Rat ir-risposta ta' Francis Borg.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi l-Art. 873 tal-Kap. 12 jipprovdi illi:

> *"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.*
>
> *(2) Il-qorti m'ghandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

L-Art. 874 jipprovdi wkoll illi:

> *"(1) Mandat ta' inibizzjoni jista' jintalab ukoll minn kreditur biex jiżgura dejn, jew kull pretensjoni oħra li tkun tammonta għal mhux inqas minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmu (11,646.86). L-iskop ta' dan il-mandat hu biex iżomm lid-debitur milli jbigħ, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos mill-proprjetà li tiġi indikata fir-rikors b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħloq piż jew drittijiet reali u, jew personali; iżda dak il-mandat ma jgħoddx għall-kostituzzjoni ta' xi dritt fuq, jew trasferiment ta', proprjetà li jsir skont ordni tal-qorti, jew fuq garanziji bankarji u ittri ta' kreditu."*

L-insenjament ta' dawn il-Qrati fir-rigward huwa kostanti fis-sens:

> *"Illi bil-ligi, jehtieg li r-rikorrenti juri zewg hwejjeg biex ikun jisthoqqlu jikseb il-hrug ta' Mandat bhal dak.  L-ewwel haga li jrid juri hi l-mandat huwa mehtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretizi mir-rikorrent.  It-tieni haga hi li r-rikorrent jidher li ghandu, mad-daqqa t'ghajn (prima facie) dawk il-jeddijiet.  Minn kliem il-ligi nfisha, iz-zewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi.  Jekk xi wiehed minn dawn iz-zewg elementi ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' mandat bhal dak.  Siewi wkoll li wiehed izomm quddiem ghajnejh li l-procedura li hija mahsuba biex titqies talba bhal din hija wahda sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigh tal-kawza dwar l-istess jedd."* – (Mugliett vs Bonnici – 25 ta' Jannar 2005)

Ir-rikorrenti f'dawn il-proceduri ma gabu ebda hjiel ta' prova illi ghandhom imqar "prima facie" xi jedd fil-konfront tal-intimati. Semmew kawza pendenti però waqfu hemm.  Fil-fehma ta' din il-Qorti dan zgur mhuwiex bizzejjed biex il-Qorti tohrog l-ordni li qed jigi mitlub minnha.

Fic-cirkostanzi, ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka *contrario imperio* id-digriet taghha tas-27 ta' Settembru 2016 u tichad it-talba definittivament.

L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.

IMHALLEF